# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru għoxrin (20) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 11 ta' Marzu, 2014 fis-6:05pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Viċi Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻATA: | Maria Zammit | Ambaxxatur taż-żgħażagħ. |

1. Is-Sindku qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu mqassma mal-agenda permezz ta' *e-mail* mis-SE, diversi jiem qabel il-laqgħa, u dawn kienu approvati u ffirmati wara li sarulhom xi korrezzjonijiet skont kif muri fuq il-kopja oriġinali fejn ġew inizjalati fejn kull korrezzjonijiet.

3. Dwar il-korrezzjoni li ressqet Charlene Zammit fuq l-*exchange* taż-żgħażagħ, hija qalet illi l-awtoritajiet sfortunatament ma' jaċċettawx organizzazzjonijiet governattivi, u għalhekk l-applikazzjoni ma saritx fuq il-KLM.

4. Is-Sindku filwaqt li ħeġġeġ lil kulħadd ikun fil-ħin biex jibgħat l-artiklu tiegħu għall-fuljett, qal illi jonqosna ir-ritratt li ħadna meta pparteċipajna fil-laqgħa li żamm Mons Arċisqof mas-Soċjeta' Ċivili, nhar is-6 ta' Marzu, 2013 filwaqt li s-SE ipprovda wkoll il-minuti ta' din l-istess laqgħa lill-kunsillieri u kien ukoll bagħthomlhom permezz ta' *e-mail.*

5. Bi żvista fil-minuti tal-laqgħa preċedenti ma nkludejniex l-approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements għas-sena 2013*, filwaqt li dawn kienu mgħoddija lill-*Grant Thornton* wara li ppreparahomlna Richard Falzon, l-accountant tal-KLM. F'dan il-waqt, is-Sindku ta handout lil dawk preżenti li kienet ikkompilata minnu, fejn hu qal li jekk mill-*Profit and Loss Account* wieħed ineħħi d-deprezzament, f'termini reali, kellna €34,000 surplus, minkejja li dawn il-*Financial Statement* juru deficit ta' madwar €8,000. Hu talab lis-SE sabiex jippublika l-istess tabella fil-fuljett, filwaqt li Paul Spiteri staqsa jekk it-toroq humiex kollha mħallsin u jekk il-fondi għalihom kienux mogħtija kollha mill-Gvern Ċentrali. Ir-risposta għall-mistoqsija tal-ewwel hija le, filwaqt li għal tat-tieni hija fl-affermattiv. Nicholas Briffa qal li fl-ewwel tliet xhur ta' l-2014 ħallasna €18,000 lill-Asfaltar Ltd filwaqt li s-sena l-oħra kienu tħallsu żewġ pagameti ta' €18,000-il wieħed. Hu qal illi għad fadal li ngħaddu madwar €52,000 lill-Asfaltar Ltd. Hawn reġa' ssemma' l-*major patching*, il-kisi ta' parti minn Sqaq il-Fjuri u kif ukoll it-trinka biex inqala' l-*wire* minn mal-faċċata tal-Każin tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju. Is-Sindku qal illi dwar din tal-aħħar hemm diskrepanza ta' madwar €4,000 f'konkos li għal xi raġuni l-Perit ma ċċertifikax, fil-Pjazza tal-Knisja. Dwar Pjazza Ġublew tad-Djamanti, is-SE qal li din tibda' minn fejn magħha jmissu Triq iż-Żurrieq u Triq Ħal Kirkop u tispiċċa sa Triq tas-Sejba u fiha hemm inkorporat ukoll il-proġett ta' Miżura 313.

6. Hawn is-Sindku semma' l-Fond għat-Titjib Urban fl-isfond tal-korrispondenza tal-MEPA fejn qed jissuġġerixxu illi jieħdu 30% minnu biex itellgħu iċ-ċnut li jkun jinħtieġ li bihom jiddawwru il-*plots* il-vojta flok isiru miżbla. Hu qal li dan mhux *fair* fuq il-KLM li se jerġgħu jeħduhom huma stess, u għaldaqstant se jqajjem il-każ fl-ewwel okkażjoni li jkollu mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

7. Dwar il-laqgħa li kellha l-Viċi Sindku mal-Kunsill taż-żgħażagħ, nhar il-5 ta' Marzu, hija qalet li għaliha attendiet ukoll il-*youth worker* . Charlene Zammit ipprovdiet ukoll ritratt sabiex ikun riprodott fil-fuljett tal-Kunsill, filwaqt li qalet li dawn se jibdew jiltaqgħu kull ġimgħatejn (mhux se jiltaqgħu il-ġimgħa d-dieħla iżda dik ta' wara). Il-minuti tal-laqgħat qed jittieħdu miż-żgħażagħ stess.

8. Is-Sindku semma' l-laqgħa li nżammet ftit tal-jiem ilu fl-uffiċċju tiegħu fuq rakkomandazzjoni tas-Supritendent, fejn il-protagonisti kienu is-soċjetajiet mużikali fil-preżenza tal-kappillan. Hu qal illi sfortunatament s'issa ma jidhirx li hemm żvolta inkoraġġanti. Madankollu jidher li hemm il-volonta' li jerġgħu jiddiskutu minkejja li ħadd ma' qajjem dan il-każ fil-laqgħa ma' Mons Arċisqof.

9. Dwar il-kors tal-kejkijiet li qed jiġi organizzat fl-Iskola Primarja tal-Imqabba, is-Sindku qal illi llum qed jagħmlu it-tielet sezzjoni u l-parteċipanti sejrin tajjeb ferm.

10. B'riferenza għall-kalendarju li tfassal diversi ġimgħat ilu mill-KLM u kien ċirkulat lill-għaqdiet tar-raħal, intqal illi għall-ħarġiet t'Għawdex, id-data tat-28 ta' Mejju hija tajba, iżda mhux dik tal-21, għaliex se tinzerta lejlet l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew.

11. Se napplikaw għall-*A+ Accessibility Award* li qed tiġi mnedija mis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u l-Gvern Lokali. Il-proposta tagħna se tkun dwar it-tneħħija ta' ostakoli minn fuq bankini, xiri ta' bandla għall-persuni b'diżabilita' kif ukoll rampi tal-bankini li jkunu elevati skont l-*istandards* ta' *Transport Malta.*

12. Is-Sindku tkellem fuq il-laqgħa li kellu mal-Onor Joe Mizzi, il-ministru responsabbli mit-toroq, dwar il-proposta ta' ġibjun addizzjonali fl-inħawi ta' Triq Ġanni Darmanin, biex jilqa' l-*istorm water run-off.* Hu qal illi issa sirna nafu li l-għalqa li fiha qed ikun propost il-ġibjun hija tal-Gvern, pero' l-gvern irid jitlob parti minn dik il-qbiela lura. Għaldaqstant il-KLM irid japplika mal-MEPA permezz tal-Perit biex nissottomettu l-applikazzjoni tagħna.

13. Issemmiet l-għotja ta' €1,500 li ingħatajna nhar l-24 ta' Frar, 2014 mill-Ministru tat-Turiżmu biex intellgħu it-tieni edizzjoni tal-attivita' kulturali f'Ottubru. Il-fondi żgur li mhux se jkunu biżżejjed sabiex nifdu l-ispejjeż, għaliex irridu aktar minn ħames darbiet aktar.

14. Għal-laqgħa tas-*Southern villages* li se tkun organizzata mill-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu nhar il-Ħamis, 18 ta' Marzu, fis-6:30pm, se jinkrew 25 siġġu kif ukoll għal-laqgħa pubblika li se tinżamm nhar il-Ħamis, 13 ta' Marzu, fl-Isptar il-Qadim. Hawn saret referenza għal-laqgħa pubblika tas-sena l-oħra fejn kien ġie deċiż illi jingħataw l-imfietaħ tal-*bollard* lir-residenti li għandhom ukoll il-problema tal-għargħar fi Triq San Mikiel. Hawn is-Sindku qal li wara dik il-laqgħa, l-katnazz tal-*bollard* tkisser tliet darbiet u kien impossibbli li nibqgħu naqtgħu ċavetta għal kull resident.

15. Dwar il-proposta tagħna li Triq Ħal Kirkop issir *one-way* lejn iż-Żurrieq, is-Sindku qal li m'għandna l-ebda problema jekk wara dan iż-żmien ta' prova *Transport Malta* ma taċċettax li din tibqa' *one way*. Madankollu, se jsir minn kollox biex Triq l-Imqabba, Żurrieq tingħata kisja tarmak ħalli tieħu it-traffiku fid-direzzjoni opposta u ssir dikjarazzjoni minn naħa tal-KLM, illi f'każ li jaqa' xi ħadd bil-karozza għaliex iċċedi t-triq jew ix-xufier jitlef il-kontroll, il-KLM iżomm lill-istess *Transport Malta* responsabbli tad-deċiżjoni tagħhom.

16. Is-Sindku irringrazzja lil Paul Spiteri, lil Grace Marie Mallia u lil Michel Farrugia għall-impenn tagħhom fil-karnival, u fuq suġġerimenti li saru, se jintbgħatu ittri ta' ringrazzjament lill-Julia Farrugia, Tania Cardona, Iris debattista, Sandra Mizzi u lill-Clare Briffa. Nicholas Briffa irringrazzja wkoll lill-istaff tal-KLM u qal li minkejja li fil-karnival taż-żfin it-temp ma kien

xejn favorevoli, l-attivita' kienet suċċess, filwaqt li l-*party* tat-tfal kien ukoll apprezzat mill-ġenituri. L-ispejjeż għal dawn l-attivitajiet kienu jlaħħqu l-€1,083.50 filwaqt li s-Sindku qal li hu se jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tat-trasport tal-kumpanija *Ciccio* li ħadet sehem fl-attivita' kif ukoll għas-servizz ta' Philip Camilleri li serva ta' *floor manager*, flimkien mal-boroż li ingħata waqt il-party tat-tfal.

17. Dwar il-*guests* tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju, *Articoli Corrado,* li mhux biss ġew jiltaqgħu mal-kunsillieri iżda wkoll raw l-Isptar il-Qadim, is-Sindku qal li dawn kienu minn belt fl-Italja li fiha tkun iċċelebrata wkoll il-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Kien hemm skambji ta' rigali/*merchandise*.

18. Għall-attivita' reliġjuża tal-KLM li se tinżamm nhar id-9 ta' April, 2014, u li fiha l-Għaqda Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira t'Għawdex se torganizza id-dramm tat-toroq bl-isem *L-imsallab fi Triqatna*, is-Sindku ipprepara l-*advert* għaliha ħalli tingħata promozzjoni fuq livell kulturali u reliġjuż minkejja li l-Gvern Ċentrali ma' ta l-ebda *grant* lill-KLM. Il-KLM jemmen bis-sħiħ li attivitajiet bħal dawn jistgħu jattiraw turiżmu jekk mhux barrani, possibilment lokali.

19. Dwar l-istima li ingħatajna minn *supplier* wieħed li l-liġi tistipula li toħroġ pubblika fil-gazzetta tal-gvern, għad-dwal tal-bandli f'Misraħ il-Fidwa, mhux se jkun hemm il-bżonn illi jinxtraw il-fanali. *Nexos Street Lighting*, għal kull fanal bl-led's ta stima ta' €1,289 kull wieħed, filwaqt li għas-*switch box* qed jistima li din tkun tiswa €865 kaxxa. Il-lanterni se jsiru mill-ħaddiema tal-IPSL ħalli nnaqsu l-ispejjeż, filwaqt li bħal issa diġa' bdew jintradmu l-pajpijiet tal-4'' biex jgħaddu l-wires minn ġo fihom. Xi kunsillieri qalu illi f'Misraħ il-Fidwa hemm bżonn li jitwaħħlu *notices* biex ma jidħlux nies waqt ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Intant, Charlene Zammit staqsiet jekk hux possibbli li bil-madum stess isir diżinn ta' passju għat-tfal biex ikunu jistgħu jerġgħu jibdew jilgħabu logħob antik tradizzjonali ta' pajjiżna.

20. Intant is-Sindku qal li għaż-żgħażagħ se nagħmlu *outdoor gym*, iżda dan mhux possibbli li jsir f'Misraħ il-Fidwa minħabba l-ispazju. Għaldaqstant dan se jsir f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira.

21. Dwar il-materjal tal-fuljett, is-Sindku ta rendikont tas-sena finanzjarja 2013 ibbażat fuq l-accounts ippreżentati li kopja tiegħu qiegħda għand il-kunsillieri. Hu qal li dan jinħtieġ li jiġi stampat fil-fuljett filwaqt li fl-editorjal, se nsemmu l-applikazzjoni jew aħjar il-kampanja promozzjonali għall-iskema ta' tneħħija ta' ostakoli minn fuq il-bankini u wkoll ta' bankini ġodda jew tibdil f'dawk eżistenti, biex ikun possibbli li jibdew jintużaw minn persuni b'diżabilita'. Grace Marie Mallia qalet li hu tajjeb li qed isir dan ix-xogħol, iżda ma rridux ninsew ix-xogħol li jrid isir fuq il-bankina ta' Triq il-Barumbara li qed tkun ta' ostakolu għar-residenti.

22. Is-Sindku semma' wkoll ix-xogħlijiet ta' skavar fis-sotterran tal-Isptar il-Qadim, li qed isir mill-ħaddiema tal-IPSL. Hawn jidher li intefa' illegalment xi konkos li issa qed jitqatta' minn dawn il-ħaddiema ħalli l-post ikun fl-istat oriġinali tiegħu.

23. Dwar l-apprezzament lil Federica Falzon, kantanta ċkejkna li qed tiddebutta fuq ir-RAI fil-propramm taljan u li qed tagħmel ġieh lill-Malta, is-Sindku qal illi minkejja li din it-tifla toqgħod Ħal Safi, hija għandha niesha mill-Imqabba. Għalhekk inħossuna kburin bit-talent tagħha. Intant se ssir talba lis-Segretarjat Parlamentari għall-kultura, mill-KLM, biex il-ġenituri tagħha jingħataw kumpens sabiex ikunu jistgħu jagħmlu tajjeb tal-bosta drabi li kellhom iħallu xtutna biex l-istess Federica tkun tista' tkanta *live* fil-programm. Minn naħa tagħna se nirrikonoxxu formalment it-talent tagħha f'Jum l-Imqabba 2014.

24. Dwar il-*Water Fight* għaż-żgħażagħ, Charlene Zammit talbet biex din tkun promossa fil-fuljett minkejja li kien għad m'għandniex il-ġurnata u l-ħin, peress li dawn kienu se jiġu ffissati f'laqgħa mal-*Mqabba FC Youth Nursery* li magħhom qed norganizzaw din l-attivita'.

25. Kienet approvata l-*Purchase Request Form 478* u wkoll iż-żieda fir-rati tal-Accountant tal-Kunsill li talab permezz ta' ittra formali li kienet mal-korrispondenza u li l-lista tagħha kienet f'idejn il-kunsillieri.

26. Kinet diskussa attivita' oħra li be ħsiebu jtella' l-KLM fl-1 ta' Ġunju. Din se tkun imsejħa *Animal Lovers Day* filwaqt li qed nistennew li jagħtuna stima l-Pulizija biex ikunu jistgħu jagħmlu *display* tal-klieb. Is-SE hu nfurmat li r-rati tal-pulizija jinkludu siegħa qabel u siegħa wara l-*event* bħala ħlas, biex ikun inkluż it-trasport u l-preparamenti.

27. Kien deċiż illi nixtru b'kemm jiswew €1,000 f'kotba għal-librerija lokali biex ukoll ningħataw għotja mir-Reġjun tan-Nofs-in-nhar. Għaldaqstant is-SE se jġib stimi għal kotba li l-aktar li huma mfittxija.

28. Is-Sindku semma' il-laqgħat li qed ikollu fil-Kumitat Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta. Hu qal li fit-talbiet li konna mistiedna nagħmlu, kien hemm il-proposta illi ssir it-talba biex ikun hemm il-problema tal-iffinanzjar taċ-ċentru solvuta. Fost dawn it-talbiet li saru formalment mill-uffiċċju, insibu wkoll dik tad-Djar tal-Anzjani fil-lokalita' tagħna.

29. Is-Sindku ippreżenta l-pjanti taċ-Ċentru tal-Komunita' li ġew magħmula mill-Perit tal-Kunsill fejn ġew ippreżentati żewġ (options) dak li jkun hemm parkeġġ fil-*ground floor* jew inkella l-ispazju jiġi utilizzat għal skopijiet oħra. War li ġew eżaminati l-pjanti, sar qbil li l-ispazju jiġi utilizzat għal bini.

30. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm filwaqt li l-KLM se jiltaqa' fl-1 ta' April, fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*01/04/2014 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |